MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Numru. 829/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**
**vs**
**Adel Elamrousy**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Adel Elamrousy, bin Mohammed u Nadia nee' Abssy, imwieled l-Egittu fis-27 ta' Awwissu 1963 u residenti Bliss, Dahlet ic-Cipress, Attard u detentur tal-karta tal-identita' numru 8714(A) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'dawn il-gzejjer bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-15 ta' Awwissu 2005 f' San Pawl il-Bahar b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u maghmulin b'rizoluzzjoni wahda ghamel hsara li huma aktar minn Lm100 u anqas minn Lm1600 gol-Kumpless Traveller's Lodge u n-New Breed Club li jinsabu f'Pioneer Road, Bugibba, San Pawl il-

Bahar ghad-dannu ta' Anthony Mario Vella u Act Operators Ltd.

Hedded lil diversi membri tal-familja ta' Anthony Mario Vella.

Fl-14 ta' Awwissu 2005 ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anthony Mario Vella.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-familja Vella tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 3 ta' Novembru 2008 (esebita a fol. 116 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikoli 18 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikoli 18 u 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) fl-artikoli 18 u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) fl-artikolu 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(f) fl-artikoli 49,50 u 51 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(g) fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(h) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta' Gunju 2009, l-imputat ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat talli fil-perijodu bejn 1 ta' Jannar 2005 u l-15 ta' Awwissu 2005 ikkaguna hsara volontarja li teccedi l-Lm100 izda mhux l-Lm1600 fil-fond Travellers Lodge li jinsab f'San Pawl il-Bahar u dan ghad-detriment ta' Anthony Mario Vella u s-socjeta' Act Operators Limited. Huwa jinsab akkuzat ukoll talli fl-15 ta' Awwissu 2005 ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmi Anthony Mario Vella kif ukoll talli hedded lil diversi membri tal-familja tal-istess Anthony Mario Vella.

Wara li l-Qorti ezaminat il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxilha tipprova ebda wahda mill-akkuzi migjuba minnha fil-konfronti tal-imputat. F'dan il-kaz il-kwerelant Anthony Mario Vella ma xehedx. Huwa deher fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2009 fejn iddikjara li qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat. F'dawn il-proceduri l-anqas ma xehdu l-membri tal-familja ta' Anthony Mario Vella li allegatament gew mhedda mill-imputat. Il-Prosekuzzjoni prezentat varji rapporti maghmula minn Anthony Mario Vella fl-Ghassa tal-Qawra fejn huwa allega li l-imputat kien ikkagunalu hsara fil-fond propjeta' tieghu u xehdu l-ufficjali tal-Pulizija li hadu dawn ir-rapporti izda hadd minn dawn ix-xhieda ma kien xhud okulari tal-allegati incidenti. L-unika xhud okulari mressaq mill-Prosekuzzjoni kien Paul Grech li xehed fl-udjenza tal-20 ta' April 2009 fejn dan spjega li kien prezenti ghal xi ncident fejn l-imputat u Anthony Mario Vella kienu argumetnaw bejniethom u fejn l-imputat kien ikkaguna xi hsara izda dan ix-xhud la indika id-data meta sehh l-incident u l-anqas il-lok bl-ebda mod ma indika x'kienet il-hsara li seta ikkaguna l-imputat. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li bl-ebda mod ma jista' jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li fil-perijodu ndikat fl-akkuza l-imputat kien ikkaguna hsara volontarja fil-propjeta' ta' Anthony Mario Vella jew li altrimenti l-imputat kien hedded xi membri tal-familja ta'

Vella. Kif diga' inghad aktar 'il fuq Anthony Mario Vella rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u ghalhekk il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tielet(3) akkuza u ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi u stante r-rinunzja tal-parti civili tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------